# Konferma tal-Pittur li għamel il-Kwadru tal-Madonna tal-Mellieħa li hemm fil-Knisja Parrokkjali

Għal bosta snin, fuq l-artal prinċipali tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kien hemm il-kwadru li llum jinsab fuq l-artal ta' San Pawl, fil-Knisja Parrokkjali. Lili dan il-kwadru minn dejjem ġibidli l-attenzjoni mhux biss għaliex hu artistiku, iżda l-aktar għax kont narah kontinwament meta nattendi għall-funzjonijiet fil-parroċċa u fih tispikka d-devozzjoni. Għal bosta Melliħin u devoti oħra, dan ix-xogħol kien sinonimu ma' din id-devozzjoni Marjana għaliex hu kien jiġi riprodott fuq is-santi u tifkiriet oħra.

Ta' sikwit kont nistaqsi lil xi kritiċi ta' l-arti biex jagħtuni ħjiel ta' min seta' kien pitter dan ix-xogħol iżda ħadd donnu ma ried jissogra attribuzzjoni. Kulħadd kien jaqbel li huwa kwadru tajjeb ħafna u li tpitter għal ħabta ta' nofs is-seklu tmintax. Aktar minn hekk, darba restawratur Malti ġibidli l-attenzjoni għall-fatt li hu qatt ma kien iltaqa' ma' xbieha tal-Madonna żżomm il-Bambin bix-xbieha tat-tfajjel b'saqajh maqtugħin fit-tarf t'isfel tal-kwadru. Staqsieni għalhekk jekk it-tarf tat-tila kienx miżbugħ jew le. Jien ma stajtx nirrispondi għax qatt ma ċċekjajt dan id-dettall. Allura konna ġejna għall-konklużjoni li l-kwadru kien sar għal xi mkien ieħor u wara ġie addattat għas-Santwarju.

Il-mument wasal xi snin ilu meta l-ħabib tiegħi Raymond Saliba kien qed jipprepara studju dwar id-devozzjoni lejn ix-xbieha tal-Madonna u s-Santwarju Marjan tal-Mellieħa għall-ktieb li kien se joħroġ il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa[1]. L-awtur kien talab permess lill-Kappillan ta' dak iż-żmien biex jistudja mill-qrib il-kwadru billi jitneħħa minn fuq l-artal u sussegwentament minn ġol-kaxxa ta' l-injam u l-ħġieġa. Jien, flimkien mas-sagristan u fotografu, konna preżenti għal din l-operazzjoni u minn dak li ħareġ jidher li ma saritx għal xejn. Meta ġiet miftuħa l-kaxxa mill-ewwel saret spezzjoni tal-kument ta' taħt tat-tila fejn ġie nnutat li ma kienx miżbugħ. Dan ikkonfermalna li dak kien il-qies oriġinali tal-kwadru, jiġifieri sar għal fuq l-artal tas-Santwarju. Wara li neħħejna l-kuruna stajna ninnotaw il-kuluri oriġinali, kemmxejn differenti mill-kumplament. Wara li bir-reqqa ħadna ritratti ta' kull dettall, inkluż il-boll tal-fidda tal-kuruna, kollox reġa' tpoġġa f'postu kif kien qabel.

Bil-għajnuna tar-ritratti li ttieħdu, Saliba għamel



*Il-Kwadru li għal bosta snin kien jinsab fuq l-artal prinċipali tas-Santwarju*

tentattiv ħalli joħroġ b'attribuzzjoni dwar min seta' kien il-pittur tal-kwadru, dettall li ma jidhirx li qatt kien ippublikat qabel. Hawn ser nikkwota eżatt x'qal: ***"S'issa għad ma ntqalx min kien il-pittur li għamlu, iżda mhux maħsub li għandha tkun daqshekk diffiċli biex nattribwuh lil xi ħadd. Fuq bażi stilistika fis jiġuna f'moħħna żewġ artisti li kienu jgħixu fl-istess żmien, jiġifieri Stefano Erardi (1630-1716) u Ġużeppe d'Arena (c.1647-1719). Dawn kienu t-tnejn pitturi ta' ħila u saħansitra kellhom kummissjonijiet mill-Ordni ta' San Ġwann għall-Konventwali fil-Belt Valletta u żgur li min tqabbad jagħmel dan il-kwadru fis-Santwarju l-aktar importanti tal-gżira kellu jkun artist ta' kalibru. Meta wieħed jistudja l-pittura jara fiha id kompetenti u ta' ħila, li żgur mhix ta' xi artist sekondarju jew dilettant. Hawnhekk wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-pittur ma setax kien għal kollox ħieles fit-trattament tas-suġġett, għax din kellha tkun kopja, ħaġa li bażikament ġiet rispettata......Id-diffikulta' hija li dawn iż-żewġ artisti kienu mejtin meta l-Isqof Alpheran de Bussan isemmi l-preżenza tal-kwadru fuq l-artal. Dik il-ħabta l-aktar tnejn kompetenti u attivi f'Malta kienu Francesco Zahra (1710-1773) u Antoine Favray (1706-1798). Fuq bażi stilistika huwa aktar qrib ta' Favray, l-aktar għall-profil tal-Bambin, iżda mhux għal dan***


Dettall tal-parti t'isfel tal-pittura li juri li l-pittura hi sħieħa

***biss. Fl-ambjent ekkleżżjastiku normalment kien jintalab is-servizz ta' Zahra, iżda l-membri ta' l-Ordni kienu jippreferu lil Favray, kif ġieli għamel ukoll Alpheran de Bussan, Frančiż huwa wkoll, bħal fil-każ tal-kwadri ewlenin għall-kappella tas-Seminarju fl-Imdina".***[2] L-attribuzzjoni għal Favray hija ovvja.

Is-sena l-oħra ħareġ ktieb interessanti dwar il-pittur Franċiż Favray mill-Fondazzjoni Patrimonju Malti u miktub minn Stephen Degiorgio u Emmanuel Fiorentino.[3] Fortunatament ġie ttrattat ukoll il-kwadru tal-Madonna tal-Mellieħa wara li l-awturi sabu referenza għalih f'wieħed mill-manuskritti ta' Patri Pelaġju. Dan il-patri Kapuċċin minn Ħaż-Żebbuġ, li propjament kien jismu Bartilmew Mifsud (1708-1781), kien kittieb prolifiku dwar l-istorja ekkleżjastika Maltija, flimkien ma' kittieba oħra, fosthom dwar l-arti u l-artisti. Ma jistax jonqos li tkellem ukoll dwar is-Santwarju tal-Madonna, flimkien ma' tagħrifa dwar kummissjoni li ngħata Favray biex ipitter kwadru ħalli jitpoġġa fis-Santwarju. F'dan is-sors jingħad hekk: ***"...nel 17(..) il chiaro e celeb(r)e Pittore Mons(ier) Favray........dipinse per ditto Santuario altro quadro bellissimo della S(antissim)a Vergine."***[4] Hawn patri Pelaġju mhux qed jgħid eżatt meta sar il-kwadru, iżda dwar l-artist ma ħalla l-ebda dubju. Hawn wieħed irid iżomm f'moħħu li Pelaġju kien kontemporanju tal-ġrajja li kien qed jikteb dwarha.

Issa l-awturi tal-ktieb dwar Favray jgħidu li l-pittura aktarx li saret fis-snin 1780 jew aktar tard. Pero' jekk nerġgħu lura għall-istudju ta' Saliba, dan poġġieh aktar kmieni mis-snin 80 tas-seklu tmintax, fuq il-premessa li meta l-Isqof de Bussan (1728-1757) kien iżur is-Santwarju kien jitlob biex ineħħulu l-kwadru tat-tila, allura tal-Favray, ħalli jara l-oriġinal. Dan ifisser li Saliba mhux biss l-artist għaraf, iżda wkoll il-perijodu meta sar. F'dan il-kuntest wieħed qajla jista' jifhem kif ix-xogħol ta' Saliba baqa' barra mill-pubblikazzjoni ta' Degiorgio u Fiorentino, aktar u aktar meta wieħed iqis li huma għamlu użu mill-pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali Mellieħa billi ġie riprodott ritratt tal-kwadru li kien ġie ikkommissjonat u ippubblikat qabel minn Saliba nnifsu!

[1] The Sanctuary at Mellieħa, Mellieħa Through the Tides of Time. Malta 2002. ed. Joe Catania.
[2] Ibid., pp. 222-223, (53).
[3] Antoine Favray (1706-1798): A French Artist in Rome, Malta and Constantinople, Malta 2004.
[4] Ibid., p. 185, (125).

***Joe Catania***